# AVVIŻI

- Id-data u l-ħinijiet tal-laqgħat fix-xhur li ġejjin huma dawn:

| | |
|---|---|
| Fl-20 ta' Lulju | fis-6.30p.m. |
| Fit-3 ta' Awissu | fis-6.30p.m. |
| Fl-17 ta' Awissu | fis-6.00p.m. |
| Fil-7 ta' Settembru | fis-5.30p.m. |
| Fil-21 ta' Settembru | fil-5.30p.m. |
| Fis-5 ta' Ottubru | fis-5.00p.m. |
| Fl-19 ta' Ottubru | fis-5.00p.m. |
| Fit-2 ta' Novembru | fis-3.30p.m. |
| Fis-16 ta' Novembru | fis-3.30p.m. |
| Fis-7 ta' Diċembru | fit-3.00p.m. |
| Fil-21 ta' Diċembru | fit-3.00p.m. |

Jekk ikun hemm xi tibdil fid-data jew fil-ħinijiet tiġu mgħarrfa aktar 'il quddiem.

- L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Wasalna għal biex ikollna l-Assemblea Ġenerali li ssir kull sentejn u jkun hemm l-Elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid. Din is-sena se nħallu kollox għal wara s-sajf f'data li trid tiġi magħżula mill-Kumitat. Aktar tagħrif jingħata fil-laqgħat li ġejjin. Tkunu tistgħu wkoll, tiksbu informazzjoni mingħand xi membru tal-Kumitat.

- Nirringrazzjaw lil dawk kollha li bagħtu kontribuzzjonijiet u rapporti tal-grazzji li qalgħu. Xi wħud li kellhom jiktbu xi kelmtejn fuq il-grazzji li qalgħu, għadhom ma għamlu xejn. Inħeġġuhom biex, għallinqas, iwasslu in-numru tat-telefon u l-indirizz tagħhom għand l-Editur ta' dan il-fuljett, biex ikun jista' jagħmel kuntatt magħhom. Iktbu lil:

Brother Victor Privitera, FSC, B.A.,
Stella Maris College
Gżira GZR 04

- Il-Kumitat javża li s-Sur Charlie Attard (ta' Għawdex) m'għadux aktar membru ta' l-imsemmi Kumitat.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 31 LULJU 1997 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Il-folla li attendiet għall-Pellegrinaġġ – 4 ta' Mejju 1997**

## ATTIVITAJIET FIL-GIRGENTI

Minbarra l-laqgħat tas-soltu li jsiru kull l-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xahar, kien hemm laqgħat oħra matul il-ġimgħa organizzati minn membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni.

### IL-PELLEGRINAĠĠ

Il-festa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni tinżamm kull sena fil-5 ta' Mejju biex tfakkar it-tlugħ tal-istatwa tal-Madonna il-Girgenti fil-5 ta' Mejju 1986. Peress li din

is-sena il-5 ta' Mejju ħabat i-Tnejn, il-Pellegrinaġġ sar il-Ħadd, 4 ta' Mejju. Folla numeruża attendiet għall-mixja mit-Troll sal-post tal-laqgħat, bir-reċta tar-rużarju u bil-kant tal-okkażżjoni.

**Fl-14 ta' Mejju**

F'din id-data sar pellegrinaġġ ieħor, din id-darba organizzat minn diversi Tesserati. Kien hemm respons tajjeb ħafna minn diversi inħawi ta' Malta. L-ommijiet ħadu din l-inizjattiva biex isir talb għall-familji li għandhom xi inkwiet, speċjalment għall-ulied biex il-Madonna tidħol għalihom bħala Omm ħanina. Għal dan il-pellegrinaġġ ħa sehem saċerdot Ġeżwita li għamel żewġ kelmiet sbieħ għall-okkazzjoni. Din il-laqgħa laħqet il-qofol tagħha b'kant imħeġġeġ meta tkantat l-AVE MARIA. Dan il-pellegrinaġġ ħalla frott kbir u nisperaw li jerġa' jsir darba oħra aktar bil-kbir.

**F'MARZU**, lejliet il-festa ta' San Ġużepp kien inżamm pellegrinaġġ ieħor organizzat minn membri tal-Moviment min-naħa ta' Birkirkara. Kien ta' ġabra kbira għal dawk preżenti, ad unur tal-Patrijarka San Ġużepp.

## IT-TWISSIJIET TA' ĠUŻA MIFSUD

Fil-messaġġ li qegħdin nippubblikaw, ta' min jinnota il-ħsibijiet ewlenin li Ġuża riedet twasslilna.

Ix-xahar ta' Novembru 1996, fakkar lil Ġuża li kulħadd irid jgħaddi mill-Ġudizzju t'Alla, kif għamlu l-mejtin kollha li niftakru fihom f'dan ix-xahar.

Ftakret ukoll fil-miġja ta' Ġesù bħala Mħallef, biex jagħti lil kulħadd dak li ħaqqu. Ġuża tħeġġiġna biex ikollna devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija għax dan is-Sagrament għad irid ikun is-salvazzjoni tagħna.

Il-fenomenu tax-xemx li semmiet Ġuża sar fit-8 ta' Ġunju 1988, mis-6 p.m. 'il quddiem, u kien ħaġa tal-għaġeb li qatt ma sar bħalu f'Malta. Għalina, dan kien sinjal mis-Sema tal-verità tal-messaġġ li Ġuża kienet qed tgħaddilna minn naħa tal-Madonna, u, tal-Paċi li, ftit wara, bdiet isseħħ fl-Ewropa; Paċi, li kellha "tibda minn Malta", kif qalet il-Madonna lil Ġuża.

Tul il-messaġġ kollu, ta' min jinnota kemm Ġuża tinsisti li għandna nħejju ruħna għall-miġja ta' Ġesù bħala Mħallef. Ġuża kemm-il darba qaltilna li kienet taf ħafna affarijiet fuq il-ġejjieni qrib, imma ma setgħetx tiżvela dak li kienet taf. Biss, ħeġġitna ħafna biex nitolbu ħafna għall-konverżjoni tal-midinbin, kemm f'Malta u kemm fid-dinja kollha, biex Alla jeħlisna mill-Qilla ta' Drieghu Setgħan, għax il-ħażen fid-dinja kiber wisq.

Jalla nieħdu bis-serjetà it-twissijiet ta' Ġuża Mifsud.



## Messaġġ Imħejji minn Ġuża Mifsud għax-Xahar ta' Novembru 1996

### L-EWWEL PARTI

Naduraw lill-Mulej Alla Missier li jista' kollox, naduraw kif imiss u kif jixraq lil Ġesù Imħallef tagħna.... Ilkoll kemm aħna rridu nidru quddiemu waqt li nkunu agunija, kulħadd ikun quddiem dan Ġesù l-Imħallef tagħna għaliex Ġesù huwa Imħallef ta' kull maħluq, li jagħtih dak kollu li jistħoqqlu għal dak li għadda mingħalih matul ħajtu kemm spiritwali, meta kien jaħseb fis-sema pajjiżu u kemm jekk ma ħumiex affarijiet spiritwali, imma affarijiet li lir-ruħ jagħmluha ħafna kerha quddiemu.... Miskin min imut bid-dnub il-mejjet għaliex m'hemmx ċans. Veru li dejjem hemm iċ-ċans tal-ħniena t'Alla u tal-Madonna għax il-Madonna kemm fil-passat u anka issa għamlet u qegħda tagħmel ħafna affarijiet spiritwali.

Imma aħna issa ejja mmorru għal dak il-ħsieb kbir spiritwali, li qegħdin nistennew it-tieni miġja fid-dinja tal-Mulej Ġesù Imħallef. Rajnieh jieħu l-passjoni l-aktar ħarxa mat-toroq tal-kalvarju, u l-mewt fuq dak is-salib u issa rridu naraw dik il-miġja sabiħa mqaddsa Tiegħu, li ġej l-imqaddes Ġesù Imħallef tagħna fuq sħaba l-aktar kbira u sabiħa. Ikun glorjuż dak il-bniedem li meta jarah ġej fuq is-sħab jibda jitbissem. Għandna naħsbu ħafna fiha dik il-glorja tal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija.

Fl-Ewkaristija Ġesù uża ħafna ħniena magħna, uża ħafna atti ta' karità magħna biex nersqu lejh bil-fiduċja u bl-imħabba u b'dak kollu li tagħtina l-enerġija tagħna u miskin hu min jitwarrab minnu fl-Ewkaristija. Issa imma ġej mis-sema pajjiżu u pajjiżna għal min hu ta' rieda tajba, ġej fuq is-sħab biex jagħmel ġudizzju minna, mill-ħajjin u mill-mejtin.... Jien ngħid għalija m'għandix għalfejn naħseb għal dak iż-żmien għax jiena l-mewt qegħda fuqi, ikun imbierek, imma nippreparaw u speċjalment nippreparaw għal dan ix-xahar qaddis u kbir li ġej, tax-xahar ta' Novembru. Hemm il-festa tal-qaddisin kollha u mbagħad hemm l-għid tal-imwiet li dawn l-erwieħ qegħdin jippurifikaw l-għemil tagħhom, il-ħtijiet tagħhom, biex imorru fis-sema pajjiżhom. Dawna l-erwieħ kollha rawħ lil Mulej Ġesù Imħallef biex jagħmel ġustizzja minnhom. Min jaf kemm ħniena għamel ma dawn l-erwieħ kemm Hu u kemm l-Omm tiegħu Marija minħabba dik id-devozzjoni li kellhom lejn il-Madonna rigward tar-rużarju u tal-quddies. Meta kienu ħajjin kienu jmorru għal dak il-quddies qaddis u sabiħ li bih huma tqaddsu. Min jaf il-Mulej Ġesù meta deher ta' Mħallef fuqhom dawk l-erwieħ tal-purgatorju, kemm taħom bxajjar sbieħ ta' dak il-quddies, speċjalment waqt il-konsagrazzjoni tas-saċerdot li jikkonsagra l-ostji biex imbagħad imorru jitqarbnu. Min jaf kemm kienu jirċevuħ eżatt lil Ġesù ta' l-Ewkaristija! U għalhekk dan ix-xahar ta' Novembru huwa xahar imbierek, għaliex huwa x-xahar tal-qaddisin kollha u x-xahar ta' l-għid ta' l-imwiet. Dan ix-xahar huwa imbierek għall-erwieħ għax kulħadd jitlob għall-erwieħ tal-purgatorju....

Għalhekk ħbieb nagħmlu kuraġġ l-aktar kbir u ma jimpurtana minn ħadd, jimpurtana biss minn Alla l-kbir li huwa l-ħallieq kbir li ħalaqna, imbagħad għandu lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija li fdiena, fdiena bil-passjoni u l-mewt tiegħu u fdiena b'demmu meta salbuh fuq is-salib. Ara naqra x'għamel għar-ruħna l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija. U għalhekk il-Mulej Missier, Alla ta' l-Eżerċiti, meta qajjmu mill-qabar umbagħad mar fis-sema kien hemm ħafna direzzjonijiet min-naħa tal-Mulej Alla illi qallu, "Issa Inti trid tieħu ħsieb tal-erwieħ kollha ħajjin u mejtin, trid tagħmilha ta' mħallef ġust ta' dawn l-erwieħ, kemm għat-tajbin u kemm għal dawk li kienu laxki."

Jiena ma jimpurtani minn ħadd, jiena li jimpurtani biss mit-tliet persuni divini tas-Santissima Trinità flimkien ma dak li għamlet is-Sinjura tal-Ħajja fil-passat, fin-nofs, u issa. Jiena ma' dak għandi x'naqsam, ħalli kulħadd jgħid li jrid għal Ġuża. Jiena nemmen fil-qawwa tal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija, f'dak kollu li jġibli Hu u l-Madonna biex inkun nista' ngħid affarijiet sbieħ u prezzjużi u spiritwali fuq il-*cassette*, il bqija ma għandix x'naqsam mad-dinja jiena.

Ħbieb naħsbu f'Alla, naħsbu f'ruħna għax ma nafux meta alla jsejħilna biex Ġesù, l-imqaddes Ġesù jidher quddiemna ta' mħallef biex jagħtina il-ġustizzja ta' dak kollu li jkun ħaqqna jew għat-tajjeb jew għal ħażin. Tkun glorja għalina min ikun għat-tajjeb u jkun ħażin għal dawk l-imsieken li ma ridux jgħixu skond ir-rieda t'Alla, skond il-pjanijiet tal-maħbub Ġesù li għamel magħna ħwejjeġ kbar. Ġesù ġie fid-dinja, ħa ngħid bejn wieħed u ieħor elfejn sena ilu, biex iġibilna l-paċi....

Jiena ħa ngħidilhom illi għajb għalihom in-nies li m'humiex juru nteress f'dan il-messaġġ.... Qegħdin jistennew lili illi mmur mid-dinja. Jiena kont sejra mid-dinja nhar il-Ġimgħa l-Kbira jew Sibt il-Għid imma l-Mulej reġa' tani l-ħajja.

U għalhekk qegħda nisforza u nagħmel kemm nista' biex infaħħru lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija li għad irridu narawh ilkoll kemm aħna. Jiena ma nkunx għadni fid-dinja għax jiena jekk Alla jrid dalwaqt immur minn hawn issa, imma min ikun għadu fid-dinja jista' jkun li jibża ħafna meta jarah ġej, meta jara t-tieni miġja ta' Ġesù ġej fuq dik is-sħaba qawwija u sabiħa, qalb l-anġli u l-qaddisin, ma dawk l-erba' anġli jdoqqu t-trombi biex il-mejtin iqumu mill-qabar tagħhom sabiex min hu sew jitla' fis-sema bħalma tela' Kristu bir-ruħ u bil-ġisem. Ma l-erbat irjieħ tad-dinja jirud jdoqqu t-trombi dawn l-erba' anġli li joħorġu mal-Mulej Ġesù Imħallef.

Issa qiegħed bil-ħniena kollha fit-tabernakli tad-dinja kollha, tar-raħal tiegħi tas-Siġġiewi, ta' Malta u Għawdex u tad-dinja kollha ħbieb. M'iniex ħa noqgħod insemmilkom għax kull tabernaklu li hawn fil-missjoni, fqir kemm hu fqir, kollha jżommu fihom lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija. F'dawn l-aktar irħula u bliet imbegħda minna il-Mulej Ġesù dawn l-affarijiet qed jagħmilhom bil-qalb, qed jagħmilhom bis-sagrifiċċju biex joqgħod ma dawn ħutu l-bnedmin. Imma hawn ħafna li ma jafuhx, ma jagħtuhx ċans. Allura dawna nitolbu għalihom biex jersqu aktar bil-qima u bil-qalb u bil-fiduċja lejn l-artali tad-dinja kollha għax fl-artali tad-dinja kollha fejn hemm bniedem kattoliku, fejn hemm saċerdot ikun hemm l-Ewkaristija.

Issa bis-sabar u bil-ħniena qiegħed isejħilna Hu stess, qiegħed jagħmlilna Hu stess ċertu affarijiet biex ninġibdu lejn il-ħniena t'Alla u tiegħu. Imma mbagħad meta naduraw lill-Mulej Imħallef illi ġej mis-sema għalina fuq sħaba li ppreparalu l-Missier Etern biex



jiġi jiġġudika lill-ħajjin u lill-mejtin, imbagħad ma jkollniex ċans. Ngħidilkom li f'dik il-ġurnata ta' l-aħħar tad-dinja hemm ħafna li jifirħu b'Ġesù meta jarawh ġej fuq is-sħaba ta' Mħallef u jkun hemm ħafna minnhom li ma jixtiqux jiltaqgħu ma għajnejh....

Għalhekk qegħda nippreparakom jiena, qiegħed jagħtini minn kollox Ġesù biex ngħidilkom u nippreparakom. Nippreparaw ruħna u nħejju ruħna, kulħadd tafux, ma nafx għaliex din l-indifferenza kollha. Jiena qegħda nagħmel dmiri minn dak li nisma, kemm mill-maħbub Ġesù ta' l-Ewkaristija u kemm mill-għażiża Madonna u kemm mill-qawwa li qiegħed jagħtini l-Ispirtu s-Santu għaliex kieku ma jistgħux jgħaddu minni dawn l-affarijiet li qegħdin jiġu irreferuti lili. Jiena kuljum nitqarben u ta' dan nirringrazzja lil Alla tafux imma għadni ma nistax nitkellem ċar, dan ħallejtu biex tkunu tafu bih wara mewti, tkunu tafu dwar dawk il-kuntatti li tant kelli mal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija.

Jiena rrid nagħmel ir-rieda t'Alla, anka jekk baqagħli ftit żmien jew ma baqagħli xejn u jeħduħuli ukoll, irrid nagħmel ir-rieda t'Alla u tal-maħbub Ġesù għal dak kollu li mar jagħmel magħna f'dawk l-inħawi tal-Girgenti fis-sena 1988 meta kellna dak il-fenomenu sabiħ tax-xemx.... Jiena kont naf b'kollox għaliex f'dak il-lejl is-Sinjura tal-Ħajja kienet qaltli, "Itla' hemm fuq għada għax ħa jkun hemm affarijiet kbar. Ħa tippermettihom l-Id tal-providenza t'Alla."

Kien hemm affarijiet kbar u jiena u oħrajn miegħi rajna l-Ewkaristija. Jiena naf kemm inħobbha l-Ewkaristija u kemm għamel miegħi ħwejjeġ kbar il-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija. Ta' kull filgħodu jiena ngħidlu, "Maħbub Ġesù, kun Inti għal saħħti, kun Inti għal kull nifs li nieħu, kun Inti għall-imħabba tiegħi versu lejk biex inġiegħel lil ħaddieħor illi jitfa' l-ħarsa tiegħu fuqek fl-Ewkaristija bl-imħabba." Għalhekk nadurawh, infaħħruh u mberkuh lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija għaliex jiena tant ngħid kliem sempliċi u fqir fil-ħin illi jkolli lil Ġesù ta' l-Ewkaristija.

U dana Ġesù ta' l-Ewkaristija jiena nisma' l-imqaddes kliem tiegħu ... dan il-kliem nisimgħu ħafna sabiħ u ċar. Jagħtihuli biex jiena nkun nista' nirreferih lil ħaddieħor. Ħbieb, naduraw bil-qalb lil kbir Alla, nadurawh bil-qalb u bil-qima fit-tabernakli kollha tad-dinja lill-Mulej Ġesù diment li għadna fid-dinja u bħalma għidtilkom, naduraw lil Ġesù Imħallef tagħna, naduraw lil Ġesù għall-ħniena illi qiegħed juża magħna bħalissa. Fit-tabernaklu m'hemmx ħlief ħniena. Hu jsejħilna biex aktar insiru spiritwali u aktar nisimgħu bil-qalb dik l-imqaddsa quddiesa u li imbagħad inkompluha bit-tqarbina.

Għalhekk għandna ngħidulu ħafna lill-Mulej alla ta' l-Eżerċiti,

"It-tifħir nagħtuk Mulejja
Alla u sidna nistqarruk
O Missier li Int minn dejjem
kemm hemm ħlejjaq gieħ jagħtuk
Jagħtuk gieħ l-anġli tas-sema
is-smewwiet u l-qawwa tagħhom
kerubini, serafini
ta' sikwit iberkuk magħhom."

# GRAZZJI MAQLUGĦA

1. F'Novembru 1996, Mrs. C. Borg mill-Għira baghtet somma ta' flus biex tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-fejqan ta' ferita kbira li kellha f'sieqha, kawżata mid-diabete li hi tbati minnha.

2. Mrs. Galea minn Birkirkara u Josette Bugeja minn Ħal Qormi, baghtu kontribuzzjoni ta' flus bħala ħajr lill-Madonna għall-grazzji li qalgħu mingħandha.

3. Mrs. Doris Tanti minn Birkirkara, tixtieq tirringrazzja minn qalbha lill-Madonna għas-suċċess li t-tfal tagħha kellhom fl-eżamijiet tagħhom għalkemm dawn kienu diffiċli.

4. Carrie Minuti, minn Birżebbuġa, baghtet rapport dettaljat ta' kif zijuha ta' 81 sena, li jbagħti mid-diabete, wara li weġġa' siequ għax waqqgħetlu kaxxa fuqha u ħariġlu d-demm; ma tax każ tagħha u wara ftit żmien sebgħu iffjammalu. Mar il-Klinika tar-Raħal il-Ġdid u meta rawh baghtuh l-Isptar. Hemm it-tobba bdew jaħsubha jekk jaqtgħulux siequ jew sebgħu.

Sadattant Carrie ġie f'idejha l-fuljett ***Leħen il-Girgenti*** u waqt li kienet ħdejn zijuha bdiet taqrah. Dak il-ħin stess għamlet wegħda lill-Madonna li jekk ma jaqtgħulux siequ jew sebgħu, ixxandar din il-grazzja fil-fuljett, u tqassam il-fuljett l-Isptar hi stess.

Iz-ziju dam ħames ġimgħat l-Isptar, għall-kura, u sebgħu mar għall-aħjar, tant li beda jinxef u kienu jistennew li jaqagħlu.

Fis-7 ta' April 1997, Carrie reġgħet kitbet u spjegat kif zijuha mar l-Isptar l-għada tal-Ġimgħa l-Kbira u baqa' hemm erbat ijiem għall-kura ta' siequ biex jimmedikawlu t-toqba ta' fejn kien sebgħu.

Issa, iz-ziju jinsab id-dar u ma jħossx uġigħ fis-sieq fejn kien sebgħu. Carrie tistqarr li talbet ħafna lil Ġuża Mifsud (il-mejta) biex zijuha ma jkollux komplikazzjonijiet; u t-talb tagħha instema'.

5. C.B. minn Tas-Sliema, f'Jannar 1997, kiteb dan li ġej:

Xahar fuq il-mewt ta' Ġuża Mifsud, fit-28 ta' Novembru 1996, meta ġejt lura mill-quddies, filgħodu, ħassejt uġigħ mill-ispalla sal-pala ta' idejja tal-lemin. Jien ħsibt li se jiġrili xi ħaġa f'idi. Dak il-ħin kelli statwa tal-Madonna tal-Karmnu u santa ta' Ġuża Mifsud. Qbadt is-santa ta' Ġuża u għamilta ma' idi u ma' spallti u għidt lil Ġuża: "Itlob 'il-Madonna għalija; għandi bżonn idi biex naħdem biha"; qgħedt il-labtu tal-Madonna u f'temp ta' kwarta l-uġigħ mar għal kollox. B'ringrazzjament se nqassam 25 santa ta' Ġuża.

6. Miss Paolina Zahra, minn tal-Pietà, kitbitli fit-12 ta' Diċembru 1996, u



għarrfitni kif qalgħet grazzja permezz ta' Ġuża Mifsud.

In-neputija tagħha marret id-dar ta' Paolina imwerwra u titriegħed wara "accident" li kellha meta ġiet milquta minn karrozza u ntefgħet fl-art. Paolina ħadet xokk kbir, tant li saret bajda silġ (kif qalilha min kien preżenti) u ttarrxet b'mod li lanqas it-telefon ma setgħet tisma'. Allura ħadet is-santa ta' Ġuża Mifsud u għamlitha ma' widnejha kif ukoll xappithom bl-ilma tal-Girgenti. F'temp ta' jumejn ġiet tisma' bħal qabel. Grazzi lil Ġuża u 'l-Madonna tal-Girgenti.

*L-Editur*

## Talba ta' Mons. Amante Buontempo għal Ġuża Mifsud wara sitt xhur mill-mewt tagħha

Mulej, Inti taf b'liema ħeġġa u b'kemm sagrifiċċji Ġuża Mifsud, fil-Laqgħat tal-Girgenti u fid-dar fqajra tagħha s-Siġġiewi, sa minn żgħożitha ħabirket kemm felħet, biex ixxandar u tkabbar fost il-Maltin u l-Għawdxin, u saħansitra ma' tant barranin, id-devozzjoni lejn Omm Ibnek u Ommna tal-Konsagrazzjoni, kif ukoll lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija. Ta' dan aħna xhieda bla sabar, ħerqana li naraw dejjem iżjed tinxtered fost kulħadd kullimkien devozzjoni hekk siewja għall-Paċi f'pajjiżna u fid-dinja. Agħtiha, nitolbuk, dak li xtaqet, f'ħajjitha; u lilna dak li dejjem emminna, li narawha titpaxxa u tifraħ għal dejjem bil-frott ta' ħidmietha. Bi Kristu sidna. Amen.